MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 247/2014

***Sparkasse Bank Malta Plc***

**(C – 27152)**

**vs**

***Betclass Limited***

**(C – 27816)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-26 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti:

1.1 Illi s-socjeta` rikorrenti kkonkludiet kuntratt ta' self mas-socjeta` intimata datat it-21 t'April, 2011, (ara foll 5);

1.2 Illi permezz ta' l-istess kuntratt is-socjeta` intimata inghatat facilita` ta' self fis-somma t'erbghin elf Ewro, (€40,000.00), minghad is-socjeta` rikorrenti ghall-iskop hemm indikat;

1.3 Illi permezz ta' l-istess kuntratt is-socjeta` intimata intrabtet li thallas lis-socjeta` rikorrenti is-somma t'elfejn Ewro, (€2,000.00), kull tlett (3) xhur, oltre l-interessi dovuti;

1.4 Illi f'Marzu, 2012, fuq talba tas-socjeta` intimata, is-socjeta` rikorrenti dahlet fi ftehim ulterjuri li permezz tieghu kkancellat il-garanzija precedenti u fl-istess hin istitwiet garanzija gdida mis-socjeta` *BCL Gaming* Limited, (ara foll 10);

1.5 Illi d-direttur tas-socjeta` intimata indikat fir-rikors guramentat promotur, (ara foll 2), ta l-kunsens tieghu ghan-nom tas-socjeta` *BCL Gaming Limited*, biex wara li l-garanzija rilaxxata mis-socjeta` intimata favur is-socjeta` rikorrenti tigi kkancellata, is-socjeta` *BCL Gaming Limited* tibda taghmel tajjeb hi ghall-obbligi tas-socjeta` intimata lejn is-socjeta` rikorrenti;

1.6 Illi in vista tas-suespost is-socjeta` rikorrenti rrizervat id-dritt li ssejjah u tigbor il-bilanc kollu lilha dovut mis-socjeta` intimata;

1.7 Illi s-socjeta` intimata ilha sprovvista minn diretturi u minn ufficjali skont il-ligi sa mit-30 t'April, 2013;

1.8 Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti tinsab sprovvist minn garanzija xierqa ghall-bilanc lilha dovut mis-socjeta` intimata;

1.9 Illi ghalhekk jirrizulta li hemm kambjament negattiv fil-kundizzjoni finanzjarja tas-socjeta` intimata;

1.10 Illi s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf sitt mija u disgha Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€22,609.32), ghas-self mhux rimborsat u interessi, (ara foll 13);

1.11 Illi nonostante li kienet debitament interpellata biex taghmel tajjeb ghall-obbligi minnha assunti, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 15);

1.12 Illi l-ammont hu cert, likwidu u dovut u s-socjeta` intimata m'ghandiex risposti validi x'tissolleva fir-rigward;

1.13 Illi ghalhekk jezistu l-estremi kontemplati fl-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-kawza odjerna tinstema` bid-dispensa tas-smigh;

1.14 Illi in vista tal-premess is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti u talbitha:

1.14.1. Tisma` l-procedura odjerna bid-dispensa tas-smigh *a tenur* ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq riferit;

1.14.2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata m'adempietx l-obbligi kuntrattwali taghha fuq riferiti meta waqfet li thallas dak li kien dovut minnha;

1.14.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf sitt mija u disgha Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€22,609.32), bilanc ta' hlas b'self moghti u mhux rimborsat, inkluz l-interessi;

1.14.4. Bl-ispejjez u bl-interessi dovuti skont il-ligi kontra s-socjeta` intimata;

2. Tirrileva li s-socjeta` intimata giet finalment debitament notifikata bil-procedura ta’ l-affissjoni skont il-ligi fit-2 ta’ Gunju, 2014, (ara foll 44), u bil-procedura tal-pubblikazzjoni, (ara foll 45, 48 u 49);

3. Rat il-verbal datat iz-19 ta’ Gunju, 2014, li permezz tieghu gie rilevat li s-socjeta` intimata qeghda fi stat ta’ kontumacja, (ara foll 53);

4. Semghet lix-xhud prodott;

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

6. Tirrileva li l-perjodu koncess skont il-ligi lis-socjeta` intimata biex, nonostante il-kontumacja taghha, setghet iggib il-veduti taghha -l quddiem, dan il-perjodu ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

7. Illi r-rikors guramentat promotur rega` gie debitament ikkonfermat bil-gurament mir-rapprezentant tas-socjeta` intimata regolarment mismugh;

8. Illi ghalhekk, m'ghandiex ragunijiet validi fil-ligi ghaliex m'ghandiex tilqa` u taccetta l-versjoni tas-socjeta` rikorrenti;

**DECIDE:**

9.0. Illi konsegwentement, in vista tas-suespost, hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u ghalhekk:

9.1. Ordnat li l-procedura odjerna tinstema` bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-artiklu 167 tal-Kap 12 fuq riferit;

9.2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata naqset li tadempixxi l-obbligi kontrattwali minnha assunti fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti meta waqfet li thallas dak minnha dovut;

9.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata *Betclass Limited* biex thallas lis-socjeta` rikorrenti *Sparkasse Bank Malta Plc,* is-somma ta' tnejn ghoxrin elf sitt mija u disgha Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€22,609.32), bilanc ta' hlas b'self moghti u mhux rimborsat, inkluz l-interessi;

9.4. Bl-ispejjez u bl-interessi dovuti skont il-ligi kontra l-imsemmija socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------